



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2011/0449(COD)

20.6.2012

*****I**

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm 'Pericles 2020')
(COM(2011)0913 – C7-0510/2011 – 2011/0449(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Anthea McIntyre

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	17

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm 'Pericles 2020') (COM(2011)0913 – C7-0510/2011 – 2011/0449(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0913),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 133 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0510/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-2 ta' Marzu 2012,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0000/2012),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwestjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma annwali li jstabilixxu l-prijoritajiet, it-tqassim analitiku tal-baġit u l-kriterji ta' valutazzjoni għall-għotjiet għal attivitajiet. Sabiex ikun żgurat li jkun hemm kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament,

Emenda

(13) Bil-għan li jiġu definiti l-programmi ta' ħidma annwali li jispeċifikaw l-objettivi segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' eżekuzzjoni u l-ammont totali tagħhom inklużi l-aġġustamenti għat-tqassim analitiku tal-baġit, kif ukoll il-kriterji ta' valutazzjoni għal għotjiet għal attivitajiet, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti

għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, waqt li tkun qed tipprepara u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' prijoritajiet u azzjonijiet, li jispeċifikaw objettivi, riżultati mistennija, metodoloġija u kriterji ta' valutazzjoni hija għażla ta' politika sinifikanti maħsuba biex tissupplementa jew temenda elementi primarji ta' politika kif stabbilit f'dan ir-Regolament. Għalhekk huwa xieraq li jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 290 tat-TFUE.

Emenda 2

Proposta għal regolament Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-programm ta' azzjoni multiannwali 'Pericles 2020' (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-programm") huwa b'dan stabbilit biex jippromwovi attivitajiet għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata. Il-Programm għandu jibda mill-1 ta' Jannar 2014 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020.

Emenda

Il-programm ta' azzjoni multiannwali 'Pericles 2020' (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-programm") huwa b'dan stabbilit biex jippromwovi attivitajiet għall-protezzjoni ***u s-salvagwardja*** tal-euro kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata. Il-Programm għandu jibda mill-1 ta' Jannar 2014 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-programm għandu **jikkontribwixxi biex ikun** hemm iktar kooperazzjoni transnazzjonali għall-protezzjoni tal-euro fil-livell tal-Unjoni u f'dak internazzjonali **u effettività** ikbar ta' dawn l-operazzjonijiet **fuq il-bażi** tal-aħjar **prattiki**, standards komuni u taħriġ speċjalizzat konġunt.

Emenda

Il-programm għandu **jinkoraġġixxi b'mod attiv li jkun** hemm iktar kooperazzjoni transnazzjonali għall-protezzjoni tal-euro fil-livell tal-Unjoni u f'dak internazzjonali **mas-sħab kummerċjali tal-Unjoni u għandu jikkontribwixxi għal effikaċja** ikbar ta' dawn l-operazzjonijiet **permezz tal-qsim** tal-aħjar **prattika**, standards komuni u taħriġ speċjalizzat konġunt.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-għan ġenerali tal-Programm għandu jkun li jipprevjeni u jiġġieled kontra l-frodi u l-iffalsifikar biex b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u l-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

Emenda

L-għan ġenerali tal-Programm għandu jkun li jipprevjeni u jiġġieled kontra l-frodi u l-iffalsifikar biex b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u l-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi **waqt li fl-istess ħin juri l-abilità li għandha l-Unjoni li taffronta b'mod deċiż u organizzat il-kriminalità organizzata serja.**

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-objettiv speċifiku tal-programm għandu jkunu li jipproteġi l-karti u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata, billi jappoġġja u jissupplimenta l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u jassisti l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u Ewropej fl-isforzi tagħhom sabiex jiżviluppaw bejniethom u mal-Kummissjoni Ewropea kooperazzjoni mill-qrib u regolari, inklużi wkoll pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Emenda

L-objettiv speċifiku tal-programm għandu jkunu li jipproteġi l-karti u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata, billi jappoġġja u jissupplimenta l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u jassisti l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u Ewropej fl-isforzi tagħhom sabiex jiżviluppaw bejniethom u mal-Kummissjoni Ewropea kooperazzjoni mill-qrib u regolari, inklużi wkoll ***fejn ikun jixraq*** pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) uffiċjali ġudizzjarji u avukati speċjalizzati f'dan il-qasam;

Emenda

imħassar

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) kull grupp ieħor ta' speċjalisti kkonċernati (bħal pereżempju, kmamar tal-kummerċ u tal-industrija jew strutturi simili li joffru aċċess lill-intrapriżi żgħar

Emenda

imħassar

u ta' daqs medju, bejjiġha bl-imnut u kumpaniji tal-flus kontanti fi tranżitu.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) korpi speċjalizzati kkonċernati fil-qasam tat-teknoloġija tad-dupplikazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni, *stampaturi u inċiżuri*;

Emenda

(f) korpi speċjalizzati kkonċernati fil-qasam tat-teknoloġija tad-dupplikazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni;

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) *kull* korp *ieħor* li joffri l-kompetenza speċifika tiegħu, inklużi, fejn meħtieġ, korpi bħal dawn minn pajjiżi terzi u b'mod partikolari l-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni.

Emenda

(g) korp *jew individwu* li joffri l-kompetenza speċifika tiegħu, inklużi, fejn meħtieġ, korpi bħal dawn minn pajjiżi terzi u b'mod partikolari l-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Appoġġ tekniku, xjentifiku u operazzjonali, inklużi b'mod partikolari:

Emenda

(b) Appoġġ tekniku, xjentifiku u operazzjonali *kif jidher li jkun meħtieġ*

għal seminars ta' taħriġ organizzati bħala parti mill-programm, inklużi b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt b – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

– kull miżura li tistabbilixxi riżorsi għat-tagħlim fil-livell tal-Unjoni Ewropea (***ktejjeb tal-leġiżlazzjoni tal-UE***, bullettini ta' informazzjoni, manwali prattiċi, glossarji u dizżjunarji, databases, b'mod *speċjal* fil-qasam ta' l-assistenza xjentifika u l-għassa tat-teknoloġija) jew programmi tal-kompjuter li joffru appoġġ (bħal pereżempju software);

Emenda

– kull miżura ***xierqa*** li tistabbilixxi riżorsi għat-tagħlim fil-livell tal-Unjoni Ewropea (bullettini ta' informazzjoni, manwali prattiċi, glossarji u dizżjunarji, databases, b'mod *speċjali* fil-qasam ta' l-assistenza xjentifika u l-għassa tat-teknoloġija) jew programmi tal-kompjuter li joffru appoġġ (bħal pereżempju software);

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Għotjiet għall-iffinanzjar tax-xiri tat-tagħmir li jintuża minn awtoritajiet speċjalizzati kontra l-iffalsifikar, għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar.

Emenda

(c) Għotjiet għall-iffinanzjar tax-xiri tat-tagħmir li jintuża minn awtoritajiet speċjalizzati kontra l-iffalsifikar, għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar ***li jistgħu jitqiesu biss skont l-Artikolu 10 paragrafu 3.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika: b'referenza għall-Premessa 8 u skont l-Artikolu 10 paragrafu 3 li jiddikjara li x-

xiri ta' tagħmir m'għandux ikun l-uniku komponent tal-ftehim tal-għotja.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-rata ta' kofinanzjament għal għotjiet aġġudikati taħt il-programm ma għandhiex taqbeż **it-80%** tal-ispejjeż eliġibbli. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, definiti fil-programm annwali ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 11, ir-rata ta' kofinanzjament m'għandhiex taqbeż **id-90%** tal-ispejjeż eliġibbli.

Emenda

Ir-rata ta' kofinanzjament għal għotjiet aġġudikati taħt il-programm ma għandhiex taqbeż **is-70%** tal-ispejjeż eliġibbli. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, definiti fil-programm annwali ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 11, ir-rata ta' kofinanzjament m'għandhiex taqbeż **it-80%** tal-ispejjeż eliġibbli.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni

Sabiex timplimenta l-programm il-Kummissjoni għandha tadotta programm ta' ħidma annwali. Huma għandhom jistabbilixxu l-oġettivi segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu ***tal-implimentazzjoni*** u l-ammont totali tagħhom. Huma għandhom jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammonti allokat għal kull azzjoni u skeda indikattiva ta' żmien ta' ***implimentazzjoni***. Għal għotjiet huma għandhom jinkludu l-prijoritajiet, il-kriterji essenzjali ta' valutazzjoni u r-rata massima tal-kofinanzjament.

Il-baġit allokat għall-azzjonijiet ta'

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 11a rigward id-definizzjoni tal-programmi ta' ħidma annwali. Huma għandhom jistabbilixxu l-oġettivi segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu ***ta' eżekuzzjoni*** u l-ammont totali tagħhom, ***inklużi l-aġġustamenti għat-tqassim analitiku tal-baġit***. Huma għandhom jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammonti allokat għal kull azzjoni u skeda indikattiva ta' żmien ta' ***eżekuzzjoni***. Għal għotjiet huma għandhom jinkludu l-prijoritajiet, il-kriterji essenzjali ta' valutazzjoni u r-rata massima tal-kofinanzjament.

Il-baġit allokat għall-azzjonijiet ta'

komunikazzjoni li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni taħt dan ir-Regolament għandu jkopri wkoll komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea.

komunikazzjoni li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni taħt dan ir-Regolament għandu jkopri wkoll komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea ***fil-kuntest tal-ambitu tal-Programm***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li l-programm ta' ħidma annwali fih elementi li huma għażliet ta' politika sinifikanti, maħsuba biex jissupplementaw jew jemendaw l-elementi primarji ta' politika kif stabbiliti f'dan ir-Regolament, huwa xieraq li l-Kummissjoni tiġi ddelegata setgħat skont l-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward tal-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 11a

Eżerċizzju tad-delegazzjoni

- 1. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati hija konferita lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.***
- 2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija f'dan ir-Regolament għandha tiġi konferita lill-Kummissjoni mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu sal-31 ta' Diċembru 2020, kemm-il darba l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din l-estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem il-perijodu inizjali.***
- 3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 11 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din***

għandha ssir effettiva mill-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi prorogat b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-programm għandu jkun implimentat mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, permezz ta' konsultazzjonijiet fi stadji differenti tal-implimentazzjoni tal-programm, fi ħdan il-kumitat konsultattiv addattat previst fir-Regolament (KE) Nru 1338/2001, b'kunsiderazzjoni tal-miżuri rilevanti meħuda minn entitajiet kompetenti oħrajn, b'mod partikolari l-BĊE u l-Europol. Il-Kummissjoni għandha tfittex li tiżgura li

Emenda

1. Il-programm għandu jkun implimentat mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, permezz ta' konsultazzjonijiet **regolari** fi stadji differenti tal-implimentazzjoni tal-programm, fi ħdan il-kumitat konsultattiv addattat previst fir-Regolament (KE) Nru 1338/2001, b'kunsiderazzjoni tal-miżuri rilevanti meħuda minn entitajiet kompetenti oħrajn, b'mod partikolari l-BĊE u l-Europol. Il-Kummissjoni għandha

jkun hemm konsistenza u kumplimentarjetà bejn dan il-programm ta' azzjoni tal-Unjoni Ewropea u programmi u attivitajiet oħrajn rilevanti.

tfittex li tiżgura li jkun hemm konsistenza u kumplimentarjetà bejn dan il-programm ta' azzjoni tal-Unjoni Ewropea u programmi u attivitajiet oħrajn rilevanti.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-programm. Sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru tal-2017, il-Kummissjoni għandha ttejjg rapport ta' valutazzjoni dwar *il-kisba* tal-oġġettivi tal-miżuri kollha (fil-livell ta' riżultati u impatti), *l-effiċjenza fl-użu* tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew *tagħhom, fil-perspettiva ta'* deċiżjoni li *tittieħde* fuq it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tal-miżuri. Barra minn hekk, il-valutazzjoni għandha tindirizza jekk hemmx lok għal simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna tagħha, jekk l-oġġettivi kollha għadhomx rilevanti, kif ukoll il-kontribut tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni li jkun hemm tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Din għandha tikkunsidra r-riżultati li joħorġu mill-valutazzjoni fir-rigward tal-impatt fit-tul tal-miżuri li jkunu ttieħdu qabel. L-impatti fit-tul u s-sostenibbiltà tal-effetti tal-Programm għandhom jiġu evalwati bil-ħsieb li **jkun hemm kontribut għal** deċiżjoni dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni possibbli ta' xi Programm sussegwenti.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-programm. Sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru tal-2017, il-Kummissjoni għandha ttejjg rapport ta' valutazzjoni dwar *l-ilħuq* tal-oġġettivi tal-miżuri kollha (fil-livell ta' riżultati u impatti), *l-użu effiċjenti u kosteffikaċi* tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew *tiegħu, fil-perspettiva ta'* deċiżjoni li *tittieħde* fuq it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tal-miżuri. Barra minn hekk, il-valutazzjoni għandha tindirizza jekk hemmx lok għal simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna tagħha, jekk l-oġġettivi kollha għadhomx rilevanti, kif ukoll il-kontribut tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni li jkun hemm tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Din għandha tikkunsidra r-riżultati li joħorġu mill-valutazzjoni fir-rigward tal-impatt fit-tul tal-miżuri li jkunu ttieħdu qabel. L-impatti fit-tul u s-sostenibbiltà tal-effetti tal-Programm għandhom **ukoll** jiġu evalwati bil-ħsieb li **jinfirmaw** deċiżjoni dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni possibbli ta' xi Programm sussegwenti.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri kollha adattati illi jiżguraw li, meta xi attivitajiet skont dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jitħarsu permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' verifiki effettivi u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa fejn mhux dovuti u, fejn japplika, permezz ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u li jservu ta' deterrent.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri kollha adattati illi jiżguraw li, meta xi attivitajiet skont dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jitħarsu permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' verifiki effettivi u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa fejn mhux dovuti u, fejn japplika, permezz ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u li jservu ta' deterrent, ***inklużi miżuri finanzjarji u amministrattivi.***

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) huwa awtorizzat li jwettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post fuq ***l-operaturi ekonomiċi kkonċernati*** direttament jew indirettament ***minn*** finanzjament bħal dan skont il-proċeduri stabbilti fir-Regolament tal-Kunsill (KEEA, KE) Nru 2185/96 bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea b'rabta ma' ftehim,

Emenda

L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) huwa awtorizzat li jwettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post fuq ***kwalunkwe organizzazzjonijiet jew kumpaniji li għandhom x'jaqsmu*** direttament jew indirettament ***ma'*** finanzjament bħal dan skont il-proċeduri stabbilti fir-Regolament tal-Kunsill (KEEA, KE) Nru 2185/96 bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-

deċiżjoni jew kuntratt ta' għotja li jirrigwardaw fondi tal-Unjoni.

Unjoni Ewropea b'rabta ma' ftehim, deċiżjoni jew kuntratt ta' għotja li jirrigwardaw fondi tal-Unjoni.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

L-iffalsifikar tal-euro huwa, sintendi, kwestjoni kriminali serja u r-relazzjoni tiegħu mal-kriminalità organizzata għandha tiġi meqjusa meta jkunu qed jiġu vvalutati l-implikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali tal-iffalsifikar fuq il-ħajja taċ-ċittadini. L-iffalsifikar fuq skala kbira għandu konsegwenzi li huma potenzjalment ta' ħsara għall-ekonomija Ewropea u għall-istabilità tal-munita nfisha. Madankollu, l-euro mhijiex munita li tiġi ffalsifikata qatigħ. Dan il-fatt hu dovut fil-biċċa l-kbira għad-disinn tagħha u wkoll għall-istrutturi li hemm kemm fil-livell nazzjonali u kemm fil-livell tal-Unjoni li jimmoniterjaw u jiġġieldu kontra l-iffalsifikar. Il-Programm Pericles, sal-lum, wettaq parti importanti f'dan il-proċess.

Dan il-Programm li huwa stabbilit sew wettaq funzjoni sinifikanti billi xerred l-aħjar Prattika fil-ġlieda kontra l-iffalsifikar u b'hekk ikkontribwixxa għas-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-proposta tal-Kummissjoni, madankollu, ħalliet xi oqsma ddefiniti b'mod vag wisq u dan ir-Rapport, għalhekk, ifittex li jibni fuq il-proposta billi jimmira lejn il-Programm biex jimmassimizza l-użu tal-fondi allokatil-lu.

L-Artikoli 7 u 8 jkopru għadd kbir ta' gruppi u attivitajiet li potenzjalment jistgħu jiġu speċifikati u huwa importanti li l-Programm ma jifrixx wisq ir-riżorsi limitati tiegħu imma li jikkonċentra fuq li jilħaq effett multiplikatur kulfejn hu possibbli.

Ir-rati ta' kofinanzjament proposti (Artikolu 10) jirrappreżentaw pressjoni finanzjarja sinifikanti fuq il-fond u għalhekk għandhom jitbaxxew. Għalhekk, 70% huwa livell aktar xieraq għall-kofinanzjament b'livell ta' 80% f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u mmaniġġjar spjegati fil-qosor (Artikolu 12) għandhom jiżguraw li l-fondi jintefqu bil-mod l-aktar kosteffikaċi. Il-konsultazzjonijiet immexxija mill-Kummissjoni f'diversi stadji tal-implimentazzjoni tal-Programm għandhom jikkonċentraw fuq fluss ta' ideat ġej minn żewġ naħat bil-għan li jkunu jistgħu jittieħdu lezzjonijiet rigward l-implimentazzjoni futura tal-Programm.

Atti Delegati

Skont is-setgħat mogħtija lill-Parlament Ewropew taħt it-Trattat ta' Lisbona il-Premessa 13 u l-Artikolu 11 ġew modifikati u ġie inserit l-Artikolu 11a biex dan il-Programm jiġi implimentat taħt Atti Delegati.